



Brussell, 14 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13237/22

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0429(NLE)

TRANS 622
EU-GNSS 32
MAR 172
AVIATION 237
ESPACE 106
RELEX 1291
CSC 429
COREE 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 7211/19 + COR 1
Nru dok. Cion:	5256/19 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, huwa r-riżultat tal-mandat mogħti lill-Kummissjoni mill-Kunsill f' Lulju 2005.
2. Wara li n-negozjati ġew konklużi b'suċċess, id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ġiet adottata mill-Kunsill fl-1 ta' Settembru 2006. Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni ġie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2006.

3. Sussegwentement, id-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni ġiet adottata mill-Kunsill fis-6 ta' Ġunju 2016 u ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-15 ta' Ġunju 2016¹.
4. Sabiex jittieħed kont tal-adeżjoni tal-Bulgarija, il-Kroazja u r-Rumanija mal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni msemmi hawn fuq fl-4 ta' Jannar 2019.
5. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill² dwar l-iffirmar tal-Protokoll kienet adottata mill-Kunsill fit-18 ta' Marzu 2018 u l-Protokoll³ ġie ffirmat fis-26 ta' Settembru 2022, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport - Kwistjonijiet Intermodali u Networks eżamina l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u qabel dwaru fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Ottubru 2022.
7. It-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ġie rivedut mis-servizzi tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
8. Konsegwentement, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-Coreper huwa mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif jinsab fid-dokument 6739/19 + COR 1, kif ukoll it-test tal-Protokoll li jinsab fid-dokument 6756/19, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

¹ ĠU L 157, 15.6.2016, p. 19.

² 6738/19

³ 6756/19